**ID-DISA' LEĠISLATURA**

# MINUTI 20

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 20 Nhar it- Tnejn 15 ta' Diċembru, 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Martin Vella – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Jessica Borg – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Ryan Sciberras – Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### 20.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 19)

#### 20.2.1 Qari tal-Minuti

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 19. Peress li l-abbozzi tal-minuti kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

#### 20.2.2 Qari tal-Minuta 19.7.2 – Viviene Home

Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar is-7 ta' Diċembru 2025 huwa żar lil Viviene Home għall-attività tal-Milied li saret fl-10:30 a.m., bil-parteċipazzjoni tal-kor tal-kappillan. Huwa spjega li l-attività kienet suċċess u li għas-sena d-dieħla jixtieq li tingħata tifkira lir-residenti bħala sinjal ta' apprezzament.

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 19 ġew approvati.

**Proposta:** Kunsilliera Tania Borg
**Sekondata:** Kunsillier Aaron Caruana
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

---

### 20.3 Intervent mill-Accountant dwar l-Għeluq tas-Sena Finanzjarja

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hemm numru ta' debtors li, skont il-parir tal-accountant, jistgħu jiġu kkunsidrati għall-write off minħabba li huma antiki ħafna:

- Reġjun Ċentru – €13.75 (2012–2022)
- Reġjun Għawdex – €55.88 (2013–2014)
- Green MT – €2,010.00 (2011–2012)
- Reġjun Nofsinhar – €1,181.04 (2012–2018)
- Reġjun Xlokk – €1,394.23 (2013–2022)

Il-Kunsill qabel li, qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, għandu jiġi avżat avukat sabiex jinkiseb il-parir legali tiegħu dwar dan il-proċess.

---

### 20.4 Laqgħa Ġenerali Annwali

Is-Sindku informa lill-membri li l-Laqgħa Ġenerali Annwali se ssir nhar it-23 ta' Diċembru 2025, fil-5:00 p.m., fil-kamra tal-Kunsill.

---

### 20.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

#### 20.5.1 Planters fit-Triq Manoel De Vilhena

Is-Sindku informa li l-planters tqiegħdu f'posthom u ġew milqugħa tajjeb mir-residenti. Fadal biss il-fanali li huma mistennija jaslu għal madwar ix-xahar ta' Marzu. Il-fatt li l-planters tqiegħdu fiż-żmien tal-Milied ta dehra isbaħ lit-triq tal-knisja. Malli jmutu l-poinsettias, dawn se jiġu sostitwiti b'pjanti ġodda. It-tisqija se tkompli ssir bħas-soltu u se jitħallas ammont ta' €75 fix-xahar għall-manutenzjoni tagħhom, b'kuntratt fuq bażi ta' xahar b'xahar.

#### 20.5.2 Proġett White Rocks

Is-Sindku informa li nhar is-17 ta' Diċembru, fl-10:00 a.m., se ssir walkabout ġewwa White Rocks sabiex il-Kunsill ikun jista' jifhem aħjar id-dettalji tal-proġett White Rocks.

#### 20.5.3 U-Barriers

Is-Sindku spjega li, minħabba l-problema tal-ilma li hemm fit-Triq Carlo Manche, bejn Triq Ponsomby u Triq Stuart, il-Kunsill iddeċieda li jitwaqqfu U-shaped bollards. Fl-ispazju li se jinħoloq ser isir reklamar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni.

#### 20.5.4 SPI/SCI/7/2025 – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom

Is-Sindku informa li l-Kunsill kiseb skema biex jiġi rranġat ix-xatt tal-Gżira b'ammont ta' €88,000. Issa jeħtieġ li jinkisbu fondi addizzjonali mill-Planning Authority sabiex il-proġett ikun jista' jitkompla.

---

## 20.6 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera

### 20.6.1

Il-Kunsillier Aaron Cuschieri faħħar l-attività tal-Milied u rringrazzja lil kull min ħa sehem u għen sabiex din l-attività tkun suċċess.

### 20.6.2

Il-Kunsillier Martin Camilleri qal li, issa li l-Kunsill mexa lura, tista' tintuża s-sala tal-Kunsill bħala kamra għall-attivitajiet.

### 20.6.3

Il-Kunsillera Joyce Bray qalet li l-attivitajiet li jmiss se jsiru nhar id-9 ta' Jannar. Hija reġgħet saqsiet meta se ssir il-laqgħa sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet li ser isiru fit-tliet xhur li ġejjin. Is-Sindku spjega li ser jorganizza laqgħa mal-għaqdiet sabiex issir laqgħa komuni bejn l-għaqdiet kollha.

### 20.6.4

Il-Kunsilliera Tania Borg qajmet punt li hija applikat għal skema ta' edukazzjoni u xtaqet tkun taf min mill-Kunsilliera jkun interessat li jkun parti minn dan il-proġett.

---

## 20.7 Skart tar-Riċiklaġġ

Is-Sindku informa li l-iskart tar-riċiklaġġ se jinġabar nhar is-26 ta' Diċembru u fil-31 ta' Diċembru. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex javżaw lir-residenti u jxerrdu l-kelma dwar dan.

---

## 20.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 18/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.

**Proposta:** Kunsillier Martin Vella
**Sekondata:** Kunsilliera Joyce Bray
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

---

**20.9 Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fis-6:00 p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Jannar 2026, fl-4:30 p.m., fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |